FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 5 t'April, 2001**

**Numru 16**

**Avviz. numru 1861/00JR**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Kais Koubaa**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Novembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mija tmienja u tletin lira Maltija u disgha u tmenin centezmu (Lm138.89), rapprezentanti access ghall-uzu ta' mobile telephone u "airtime" ghall-istess uzu ghall-perijodu mill-1 ta' Marzu, 1999 sal-1 ta' Mejju, 2000;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Anthony Vella ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija tmienja u tletin lira Maltija u disgha u tmenin centezmu (Lm138.89), bl-imghaxijiet legali mill-10 ta' Novembru, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**